**67. Il-Prim Ministru f'isem il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor. Guido de Marco ppropona:**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 1993 (Ordni Permanenti 71(3)(a), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru. 9 - Ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru. 49 - Limiti ta' żmien għad-diskors, u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis sew fil-għodu, kif ukoll fil-għaxija, isir biss xogħol tal-Gvern u l-Aġġornament ma jitteħidtx.

19.11.1992